il-Gżejjer

It-Tnax-il Sena 1/83

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA

# KONTROLL FUQ IL-PREZZIJIET

**Fil-messaġġ tiegħu ta' l-ewwel tas-sena l-Prim Ministru Dom Mintoff tkellem fit-tul dwar il-kontroll tal-prezzijiet u fiehem lill-poplu kif il-Gvern kien ser jagħti bidu għal roħs fuq l-affarijiet essenzjali għal ħajja.**

Siltiet mid-diskors tal-Prim Ministru:

"Għidna: Din kif inhi, li aħna bħala Gvern, aħna li tant igħajruna li ma nifhmu xejn fin-negozju, aħna li tant igħajruna li ma nafux namministraw, aħna li jgħajruna reqdin, aħna kapaċi illi l-affarijiet inġibuhom is-sena li ġejja — orħos milli ġibnihom din is-sena; ***u l-oħrajn li huma kapurjuni u mustaċċuni qegħdin igħollu kontinwament?*** Għidna: Xi ħaġa mhux qed taħdem f'dan il-pajjiż.

"Mela issa l-ewwel sforz għandu jkun mhux li lill-ħaddiem inbaxxilu l-lira; l-ewwel sforz għandu jkun biex nara min qed jieħu iktar minn sehmu f'dan il-cake li qed taħdem għalih in-nazzjon kollu. ***Issa l-poplu tagħna qed jinduna min kien qed jieħu cake iktar,*** qed jinduna li minflok jaqbdu fina dawk li riedu jagħmluha ta' qaddisin imisshom jikkundannaw lil din il-kwalità ta' ħallelin.

"Jien għandi quddiemi xi ftit mill-affarijiet li raħsu minn mindu għidna li issa, din tal-prezzijiet, in-nazzjon tagħna se teħodha bis-serjetà. Għax waqt li qabel stajna nimxu 'l quddiem mingħajr ma nissikkaw lil ħadd u noqogħdu fuq il-kelma tagħhom li huma rġiel, ***issa m'aħna se noqogħdu iktar fuq il-kelma ta' ħadd għax qed naraw bil-provi li l-affarijiet imisshom raħħsuhom, u flok raħħsuhom għollewhom.***

"Ha nagħtu prova issa:

"Per eżempju fuq foodmixers qabel ma ħriġna b'dan l-isforz biex inbaxxu l-prezzijiet, kien Lm106, issa qed jinbiegħ Lm85; refrigerator kien Lm198, issa qed jinbiegħ inqas minn Lm152, jiġifieri Lm46 inqas.

"Dan għadna fil-bidu — għax beħsiebna nkunu ċerti li l-ġrieden il-kbar naqbduhom u naqbduhom sewwa.

"Washing machine kienet Lm215 u f'daqqa waħda saret Lm180; cooker Lm125 u f'daqqa waħda sar Lm106.

"Xi jfisser dan? Ara ma jkunx hawn xi ħadd jaħseb li dan tal-ħanut kien qed jagħmilhom dawn il-qligħ. Jekk tal-ħanut kien l-istess wieħed li jġibhom minn barra, iva, hu kien jagħmilhom. U hawn minn dawn li jġibhom minn barra u jżomm il-ħanut ukoll — qisu mhux biżżejjed li jaqla' b'li jġib minn barra!

"Imma tal-ħanut li kien jeħodhom mingħand l-aġent ma kienx hu li qed jagħmel dan il-qligħ. Għalhekk jien hawnhekk ngħid lil tal-ħwienet: ***Tħalluhomx ixewxukom lilkom għax il-qligħ qed jagħmlu l-kbir.*** Għax jekk il-kbir ikun ***raġonevoli,*** jekk il-kbir jimxi ta' ***nisrani,*** jekk il-kbir jimxi ta' bniedem ***iċċivilizzat,*** jekk il-kbir jimxi ta' ***Malti,*** jista' jraħħas ħafna u anki lilkom inkunu nistgħu aħna ***fejn naraw li qed tinqarsu ż-żejjed*** inżidulkom xi ħaġa.

"Imma l-prezz lill-konsumatur irid jiġih b'orħos għax dan il-pajjiż jista' jġib b'orħos u jekk ma jġibuhx huma ***lesti biex inġibuhom aħna.***

"U se nagħti notice minn issa, li min iġib minn barra jaċċerta ruħu li mhux se jkun ogħla minn dak li ġab din is-sena għax aħna m'aħniex se naċċettaw prezzijiet ogħla u jekk mhux kapaċi jġibu b'orħos igħidulna u nġibuhom aħna b'orħos. Ta' dan mhux bil-kliem ngħid jien, ta' dan nagħti prova."

**Hawn il-Prim Ministru ħabbar li l-Gvern immedjatament kien se *jraħħas il-prezzijiet* ta' dawk l-oġġetti responsabbli għalihom il-poplu Malti permezz tal-Gvern fosthom *l-elettriku* li roħos b'ħamsa fil-mija.**

# PREZZIJIET

| OĠĠETT | PIŻ | PREZZ GĦAX-XERREJ (Konsumatur) QABEL | ISSA |
|---|---|---|---|
| **Dqiq** | Kilo | 13c | 12c |
| **Ħobż Malti** | Kbira | 11c5 | 11c |
| | Żgħira | 6c | 5c5 |
| **Għaġin** | | | |
| bl-użin | Kilo | 26c | 25c |
| fil-Pakkett | 200 g | 8c | 7c8 |
| | 800 g | 24c5 | 23c5 |
| tal-Marka MASTER | 200 g | 9c3 | 9c |
| **Nuħħala u Smida** | Tunnellata | Lm74.20c | Lm71.90c |
| **Majjal Frisk** | | | |
| ta' l-ewwel qatgħa | Kilo | Lm1.20c | Lm1.18c |
| tat-tieni qatgħa | Kilo | Lm1.10c | Lm1.08c |
| **Fwied tal-Majjal** | Kilo | Lm1.30c | Lm1.16c |
| **Tiġieġ tal-Friża** | Kilo | Lm1.05c | Lm1.03c |
| **Bajd ta' Malta** | Tużżana | 49c | 48c |
| **Ħalib Frisk** | Flixkun | 13c | 12c5 |
| **Għalf Bilanċjat** | | | |
| Għall-Baqar, Majjal, Tiġieġ u Fniek | Roħs ta' bejn Lm3 u Lm4 kull Tunnellata | | |
| **Zokkor** | Kilo | 18c | 17c |
| **Kafè Inkaljat** | | | |
| Excelsa | Kilo | Lm2.50c | Lm2.40c |
| Robusta | Kilo | Lm2.75c | Lm2.65c |
| Santos | Kilo | Lm3.00c | Lm2.85c |
| Latin American | Kilo | Lm3.25c | Lm3.10c |
| **Kafè tal-Bott** | Ta' 50 g | 25c | 25c |
| | Ta' 100 g | 50c | 47c |
| | Ta' 200 g | 96c | 92c |
| | Ta' 750 g | Lm3.70c | Lm3.65c |
| **Te ta' l-Użin** | Kilo | 95c | 91c |
| **Te tal-Pakkett (Tea Bags)** | 50 x 3.15 g | 30c | 29c |
| **Żejt tas-Soya** | Litru | 41c4 | 38c |
| **Siment** | | | |
| Mill-Ħanut | Xkora | Lm2.00c | Lm1.73c |
| | Tunnellata | Lm29.00c | Lm28.70c |
| **Ċanga tal-Friża** | | | |
| Bla Għadma u bil-Għadma | Kilo | Lm1.49c | Lm1.43c |
| **Majjal tal-Friża** | | | |
| ta' l-ewwel qatgħa | Kilo | Lm1.20c | Lm1.18c |
| tat-tieni qatgħa | Kilo | Lm1.10c | Lm1.08c |
| **Corned Beef** | Ta' 198 g | 32c | 30c |
| | Ta' 340 g | 43c | 41c |
| Bl-użin | Kilo | Lm1.28c | Lm1.20c |
| **Luncheon Meat** | Ta' 198 g | 17c | 16c |
| | Ta' 340 g | 27c | 26c |
| Bl-użin | Kilo | 65c5 | 64c |
| **Perżut tal-Landa** | Kilo | Lm1.49c | Lm1.43c |
| **Ġobon** — Cheddar | Kilo | 90c | 86c |
| Tat-Toqba | Kilo | Lm1.10c | Lm1.05c |
| **Tonn taż-Żejt** | Ta' 100 g | 23c | 21c |
| | Ta' 200 g | 40c | 37c |
| **Kavalli fil-Landi** | Ta' 100 g | 13c6 | 13c |
| | Ta' 156 g | 10c | 10c |
| | Ta' 200 g | 20c | 19c |
| **Ross** | Kilo | 26c5 | 25c |
| **Ġwież** — Xgħir | Tunnellata | Lm81.00c | Lm77.00c |
| Qamħirrun | Tunnellata | Lm80.00c | Lm76.00c |
| Qamħ | Tunnellata | Lm90.00c | Lm82.00c |

# MIŻURI BIEX NILQGHU L-PROBLEMI TAR-RIĊESSJONI

**Issa li tħabbar il-budget, il-poplu Malti għandu stampa quddiemu ta' kif laqtet lil Malta r-riċessjoni internazzjonali u x'miżuri bi ħsiebu jieħu l-Gvern biex itaffi kemm jista' jkun il-problemi li għandna quddiemna.**

Il-Gvern huwa konvint li bi sforz sħiħ u konċentrat, negħlbu l-effetti ħżiena ta' riċessjoni importata u jirnexxielna noħolqu l-impiegi li tlifna matul is-sena li għaddiet u qabilha.

Bħalma għamel s'issa l-Gvern Malti hu determinat li jkompli jistinka biex igħin l-industrija lokali ħalli l-ewwelnett iħares l-impiegi ta' dawk li hemm fiha.

Kull industrijalist jaf li dejjem sab l-għajnuna mill-Gvern kull meta kellu bżonnha. Ministri u rappreżentanti tal-Gvern marru barra minn Malta jfittxu l-ordnijiet għall-fabbriki u ġabu ħafna bejgħ ġdid minn pajjiżi ġodda li qabel ma kinux ħadmu mal-produtturi Maltin.

B'danakollu l-Gvern Malti mhux dejjem sab l-interess u l-koperazzjoni ta' dawk li fl-interess tagħhom stess il-Gvern għamel tant sforzi. Fi Frar tas-sena l-oħra f'laqgħa li l-industrijalisti u l-importaturi kellhom mal-Ministru ta' l-Industrija s-Sur Joe Grima flimkien mal-Ministru tal-Kummerċ, is-Sur Wistin Abela, l-importaturi kollha ġew mistednin biex jingħaqdu mal-Gvern Malti ħalli prodotti li qegħdin nimportaw minn barra nibdew nagħmluhom hawn Malta. Il-Gvern kien lest jinvesti ma' min jitħajjar, barra milli jagħti protezzjoni sħiħa lil kwalunkwe prodott ġdid li jitwieled minn din l-iskema.

Iżda, minkejja dan, barra minn ċaqliq żgħir, l-importaturi ma interessawx ruħhom f'din l-istedina.

Issa li dan iċ-ċans tilfuh, il-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp għandha hi stess torganizza l-manifattura ta' prodotti magħżula.

F'Mejju tas-sena l-oħra l-Ministru Joe Grima kien reġa' kellem lill-industrijalisti u qalilhom li l-Gvern ma setax jibqa' jaċċetta li hu jibqa' jistinka u jġib l-ordnijiet għal fabbriki, u dawn minflok iżidu l-ħaddiema jżidu l-overtime.

L-overtime lill-pajjiż ma jagħtihx żieda fl-Impiegi.

Kull pajjiż bħal dan iż-żmien qed jieħu miżuri biex jassigura li l-industrija tiegħu ma titkissirx. Issa, kull fabbrika f'Malta u f'Għawdex trid tagħti lid-Dipartiment ta' l-Industrija tagħrif sħiħ dwar x'inhu għaddej fil-fabbrika; il-qagħda ġenerali ta' l-ordnijiet, il-pożizzjoni ta' l-overtime u tagħrif ieħor li d-Dipartiment ikun jeħtieġ biex ikollu stampa ċara tal-qagħda ta' kull fabbrika li hawn f'Malta. Barra minn hekk, il-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp qiegħda tesiġi, bid-dritt kollu li jagħtiha l-kuntratt iffirmat ma' fabbriki li jirċievu l-għajnuna tal-Gvern, li jingħatalha kull tagħrif li jkollha bżonn sabiex hi wkoll tkun taf preċiż il-qagħda finanzjarja u l-prospetti għall-futur tal-fabbriki kollha f'Malta li jirċievu jew irċevew għajnuna mill-Gvern.

Dan it-tagħrif issa huwa meħtieġ iżjed minn qatt qabel. U billi l-morsa tar-riċessjoni jidher li mhix se terħina malajr, il-Gvern ħass il-bżonn li jintensifika l-protezzjoni Maltija f'kull qasam ta' manifattura. Wara d-diskussjonijiet li saru bejn il-Ministeru ta' l-Industrija u l-Ministeru tal-Kummerċ ġie deċiż li tieqaf mill-ewwel kull importazzjoni li tista' taffettwa ħażin lill-manifattura lokali.

Il-budget li għadu kif ġie ippreżentat fil-Parlament sejjaħ is-sena 1982 bħala s-sena ta' l-impiegi. L-industrija tagħti kontribut importanti għall-impiegi. Il-Ministeru ta' l-Industrija, flimkien mad-Dipartiment u mal-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp qegħdin jieħdu dawk il-miżuri kollha jekk ikun hemm bżonn anki b'leġislazzjoni ġdida, sabiex l-impiegi jiżdiedu u b'hekk Malta toħroġ mid-diffikultajiet tar-riċessjoni b'saħħitha aktar milli kienet qabel.

**GHIN LIL PAJJIŻEK U LILEK INNIFSEK.**

**IXTRI PRODOTT MALTI**

# Premju b'Ġieh il-Ħaddiem

**Il-Kumitat Premju b'Ġieh il-Ħaddiem, imwaqqaf fil-Ministeru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali taħt il-presidenza tad-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni, qiegħed jieħu ħsieb biex din is-sena wkoll bħal fis-sena li għaddiet, jingħataw premjijiet lil dawk il-ħaddiema li jkunu taw kontribut speċjali fuq ix-xogħol għal ġid tal-pajjiż.**

Il-premjijiet jikkonsistu f'medalji tad-deheb maħdumin fiz-Zekka ta' Malta, kif ukoll diplomi. Jingħataw plakek kommemorattivi tal-bronż lill-prinċipali ta' l-istabbilimenti fejn jaħdmu l-ħaddiema li jintgħażlu mill-Kumitat għall-għoti tal-medalji.

Il-Kumitat jilqa' rakkomandazzjonijiet minn prinċipali li jidhrilhom li għandhom impjegati li jikkwalifikaw għas-sena 1983.

Il-ħaddiema rakkomandati jridu jkunu:

- ċittadini ta' Malta fil-31 ta' Diċembru 1982;
- ilhom impjegati mal-prinċipal mingħajr interruzzjoni matul il-perijodu ta' ħames snin li jagħlqu fil-31 ta' Diċembru 1982;
- ħaddiema eżemplari li wrew fuq ix-xogħol f'dan il-perijodu kwalitajiet ta' effiċjenza, integrità, ħerqa, dixxiplina u entużjażmu u li bl-użu ta' inizjattiva, inġenjożità u leadership taw kontribut speċjali u straordinarju lill-prinċipal b'ġid lill-pajjiż u li jistħoqqilhom li jingħataw ġieh u jingħarfu fost il-ħaddiema ta' Malta u Għawdex.

M'huwiex mistenni li jkun hemm aktar minn rakkomandazzjoni waħda għal stabbiliment wieħed, iżda fil-każ ta' stabbilimenti kbar jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu jiġu kunsidrati nominazzjonijiet ta' aktar minn ħaddiem wieħed mill-istess stabbiliment.

Il-Kumitat jeżamina r-rakkomandazzjonijiet kollha u jagħmel il-verifiki li jidhirlu biex ikun jista' jagħmel l-għażla kif jixraq.

Sabiex ma jkun hemm ebda diżappunt min-naħa ta' kandidati li ma jintgħażlux għall-premju huwa fl-interess kemm tal-ħaddiem kif ukoll tal-prinċipal li l-kandidat ma jiġix mgħarraf bir-rakkomandazzjoni. Informazzjoni mogħtija jew miġbura mill-Kumitat titqies bħala waħda **konfidenzjali.**

Il-formoli ta' rakkomandazzjoni jinkisbu mid-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni u wara li jiġu mimlija kif imiss, għandhom jintbagħtu bil-posta ġo envelopp reġistrat u immarkat 'kunfidenzjali' lis-Segretarju, Premju b'Ġieh il-Ħaddiem, Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni, 121, Triq Melita, Valletta mhux aktar tard mit-28 ta' Frar, 1983.


## Dipartiment tas-Servizzi Soċjali

**Għal kull tagħrif dwar Servizzi Soċjali, wieħed jista' iċempel direttament fuq wieħed minn dawn in-numri matul il-ħinijiet tax-xogħol:—**

| | |
|---|---|
| **Uffiċċju Ċentrali, il-Belt** | **22441 (7 linji) 24221 u 29086** |
| **B'Kara** ... ... ... ... | **44944** |
| **Bormla** ... ... ... ... | **26913** |
| **Ħamrun** ... ... ... ... | **23916** |
| **Balzan** ... ... ... ... | **47376** |
| **Marsa** ... ... ... ... | **23134** |
| **Mosta** ... ... ... ... | **491924** |
| **Msida** ... ... ... ... | **512509** |
| **Paola** ... ... ... ... | **605289** |
| **Qormi** ... ... ... ... | **45387** |
| **Rabat** ... ... ... ... | **674177** |
| **San Ġwann** ... ... ... | **38764** |
| **Sliema** ... ... ... ... | **30862** |
| **San Pawl il-Baħar** ... ... | **73247** |
| **Valletta** ... ... ... ... | **22441 24221 u 29086** |
| **Żabbar** ... ... ... ... | **882784** |
| **Żebbuġ** ... ... ... ... | **644166** |
| **Żejtun** ... ... ... ... | **897043** |
| **Żurrieq** ... ... ... ... | **820606** |
| **Nadur** ... ... ... ... | **76207** |
| **Victoria** ... ... ... ... | **76211 76091** |

# Bdoti Maltin Jitħarrġu fl-Amerika




**L-ewwel minn żewġ ġemgħat ta' bdoti Maltin ta' l-AirMalta telqu għal kors ta' seba' ġimgħat biex jidraw itajru bħala co-pilots it-tliet ajruplani l-ġodda li l-Kumpanija nazzjonali ta' l-ajru mistennija tieħu f'idejha f'Marzu li ġej. It-tieni ġemgħa ta' bdoti Maltin ser tingħaqad ma' l-ewwel ġemgħa fi żmien qasir.**

Dawn huma l-First Officers Maltin li issa ilhom għal dawn l-aħħar ħames snin jagħmluha ta' co-pilots fuq l-ajruplani l-kbar Boeing 720B ta' l-AirMalta.

**Il-bdoti Maltin qabel telqu lejn l-Amerika.**

It-taħriġ taż-żgħażagħ Maltin ser isir fil-Qasam tat-Taħriġ tal-Boeing f'Seattle, l-Amerika. Dan ser ikun jikkonsisti f'teorija, taħriġ fuq l-istrumenti li jkun hemm fil-kabina, u taħriġ f''simulator'. Il-bdoti Maltin ser jidraw ukoll jaħdmu bis-sistemi avjoniċi ġodda li ser ikun hemm fuq l-ajruplani ta' l-AirMalta, u kif isir l-aħjar użu tagħhom biex jintuża inqas fuel. Fost dawn is-sistemi hemm il-'performance data computer' u s-sistema ta' navigazzjoni Omega.

Dan il-kors ta' taħriġ, kif ukoll taħriġ ieħor li uffiċjali tal-Boeing taw u qed jagħtu f'Malta u fl-Amerika lil taqsimiet oħra ta' ħaddiema ta' l-AirMalta, huwa parti importanti mill-kuntratt ta' xiri li l-Kumpanija nazzjonali ta' l-ajru Maltija kienet iffirmat mal-Boeing fit-30 ta' Marzu 1982.

Kelliemi għall-AirMalta qal li dan kollu jkompli jikkonferma l-importanza li l-Kumpanija tagħti għat-tmexxija tagħha mill-Maltin għall-Maltin.

---

# *Prinċep Sawdit Jikri Ajruplan ta' l-AirMalta*

**Il-Prinċep Massoud Ibn Saud, membru tal-Familja Rjali tal-Għarabja Sawdita, dan l-aħħar kera ajruplan ta' l-AirMalta biex iwasslu minn Tunez għal Rijad flimkien ma' 21 ruħ u 19-il falkun li kellu miegħu.**

Fi żmien ftit sigħat minn meta saret it-talba, ajruplan Boeing 720B ġie mhejji biex jilqa' l-ħtiġijiet tal-mistednin irjali. Fost ix-xogħlijiet li saru kien hemm it-tneħħija ta' ringieli sħaħ ta' siġġijiet biex ikun hemm aktar wisgħa. Il-Prinċep Massoud u dawk ta' madwaru ngħataw trattament sħiħ ta' VIP, b'ikel speċjali li l-AirMalta hejjiet għall-okkażjoni.

Il-Prinċep Massoud qal li kien sodisfatt għall-aħħar bis-servizz li tatu l-linja nazzjonali ta' l-ajru Maltija. Huwa wera wkoll interess kbir f'Malta. Il-Prinċep Sawdit kellu kliem ta' tifħir għall-Prim Ministru Dom Mintoff u għad-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku, is-Sur Wistin Abela, li t-tnejn kien iltaqa' magħhom fl-Għarabja Sawdita.

Kelliem għall-AirMalta qal li minkejja li l-kirja nqalgħet malajr malajr, id-dipartimenti kollha tal-Kumpanija kienu ħadmu id f'id biex juru li l-AirMalta tinqala' għal kull okkażjoni u toffri servizzi li jħabbtuha ma' dawk ta' linji ta' l-ajru ħafna akbar minnha.

# IL-ĦAŻNA TAŻ-ŻEJT U L-GASS

Il-Gvern kien ħa f'idejh l-importazzjoni taż-żejt mingħand il-kumpanniji internazzjonali biex b'hekk jiżgura l-provvista ta' prodotti taż-żejt tant meħtieġa għall-pajjiż. Il-gvern kien ħa f'idejh ukoll il-faċilitajiet tal-ħażna li kellhom kemm dawn il-kumpanniji kif ukoll is-Servizzi Ingliżi.

Minkejja dan, il-Gvern xorta ma kellux biżżejjed għall-ħażna tal-'fuel oil' għall-Power Station u għall-gass.

Il-ħażna ta' dawn iż-żewġ prodotti tant meħtieġa kienet waħda ta' ftit iktar minn ġimgħatejn għall-'fuel oil' tal-Power Station, jiġifieri 16,000 tunnellata, u ta' mhux iktar minn 15-il ġurnata għall-gass, jiġifieri mal-500 tunnellata. Għaldaqstant il-Gvern ħa ħsieb ikabbar il-ħażna ta' dawn iż-żewġ prodotti illi minnhom l-aktar jiddependi fuqhom il-pajjiż billi bena żewġ tankijiet kbar ta' 10,000 tunnellata-il wieħed għaż-żejt tal-Power Station illi flimkien ma' dawk it-tankijiet illi l-Gvern ħa f'idejh fil-Port il-Kbir illum din il-ħażna saret ta' 45,000 tunnellata żejt. Dawn issa saru jservu għal aktar minn xahrejn.

Mhux hekk biss, imma issa bil-ħażna tal-faħam din il-ħażna se sservi għal kważi erba' xhur, żieda ta' 181% fuq dak li kien hemm fl-1971 — kważi tliet darbiet iktar minn qabel.

Dwar il-ħażna tal-gass, il-Gvern mhux biss bena ħames tankijiet kbar ta' 300 tunnellata-il wieħed imma rnexxielu wkoll jakkwista bi ftit flus erba' tankijiet 'second-hand' li bejniethom jammontaw għal 600 tunnellata oħra. Dawn it-tankijiet tant kienu f'qagħda tajba li jistgħu jservu wkoll biex issir taħlita ta' gass ġo fihom stess. Dan ifisser li l-ħażna issa telgħet għal 3,000 tunnellata u din issa sservi għal aktar minn xahrejn. Qabel din kienet isservi biss għal mhux aktar minn ġimgħatejn, żieda kolossali ta' 500%, fuq il-ħażna ta' l-1971, ħames darbiet aktar minn dak li kien hemm qabel.

**Il-Gvern ħa ħsieb ikabbar il-ħażna taż-żejt u l-gass biex jiżgura li jkun hawn provvisti adekwati għal żmien raġonevoli.**

Dwar prodotti oħra taż-żejt, il-Gvern ħa f'idejh mingħand is-Servizzi Ingliżi faċilitajiet ta' ħażna kbira ta' petrol, diesel u 'jet fuel' li dawn kellhom f'Ħas Saptan, f'Ras Ħanżir u f'Għar Dalam. Il-Gvern ukoll xtara bi ftit flus l-istallazzjonijiet ta' petrol, diesel u pitrolju mingħand ix-Shell li dawn kellhom f'Birżebbuġa kif ukoll dik ta' l-Esso fil-Qajjenza. Dawn il-faċilitajiet kollha mhux biss iservu għal dak li normalment ikollu bżonn il-pajjiż għall-użu tiegħu imma wkoll il-Gvern jagħmel ftehim ma' ħaddieħor biex jaħżnu ż-żejt tagħhom bi ħlas f'dawn il-faċilitajiet. B'hekk il-poplu jkun qiegħed jaqla' l-flus u aħna min-naħa l-oħra nkunu moħħna mistrieħ għax jekk ikollna bżonn, nistgħu nagħmlu użu minn dan iż-żejt. B'dan wieħed jista' jara li fejn qabel konna nkunu mħassba għall-provvista ta' kull prodott minn żmien għal żmien, jew għax il-maltemp jittardja xi vapur jew għal xi raġuni oħra, issa moħħna mistrieħ li żgur m'hu se jkun hemm ebda nuqqas ta' provvisti għal żmien raġonevoli.



**HAS-SAPTAN**

# XOGĦLIJIET F'GĦAWDEX



## PROVVISTA U KONSERVAZZJONI TA' L-ILMA

Il-ħażna ta' l-ilma f'Għawdex minn ftit żmien 'l hawn irdoppjat ruħha u dan bis-saħħa ta' ġibjun ġdid f'Ta' Ċenċ li għandu kapaċità ta' 5.5 miljun gallun ilma, u ieħor fix-Xagħra li għandu kapaċità ta' miljun gallun.

Il-produzzjoni ta' l-ilma mill-'boreholes' żdiedet ukoll. Tħaffru 54 'borehole' li minnhom 38 qed jagħtu produzzjoni ta' miljun gallun ilma kuljum. Hawn ta' minn isemmi li saru diversi ilqugħ ta' l-ilma fil-widien, kif ukoll ġibjuni sabiex jinħażen l-ilma tax-xita.

Din is-sena, biex tkompli titjieb il-qagħda ta' l-ilma f'Għawdex, il-Gvern ħejja pjan biex dawk il-'boreholes' li qegħdin ħdejn xulxin jiġu magħqudin b'sistema ta' 'ringmains' u dawn ikunu jistgħu jippumpjaw direttament fil-ġibjuni. Din il-biċċa xogħol sejra ssir għal żewġ raġunijiet. L-ewwel waħda, biex tiżdied il-produttività ta' kull 'borehole', u t-tieni biex ikun possibbli li l-ilma f'dawk l-inħawi tal-gżira fejn il-pressa ta' l-ilma hija baxxa, tista' din titwassal bi pressa aċċettabbli.

## ILMA TAD-DRENAĠĠ

Issa li hawn Malta twettaq il-proġett kbir għal purifikazzjoni ta' l-ilma tad-drenaġġ, hi ħaġa naturali li l-Gvern jikkonsidra t-twaqqif ta' impjant simili fuq skala iżgħar f'Għawdex fejn il-biedja kienet u għadha waħda mis-sisien ta' l-ekonomija.

## TOROQ

Fost it-toroq ġodda li sejrin jinfetħu matul is-sena, hemm dawk tal-Housing Estate fix-Xewkija, Sannat, San Lawrenz, Rabat u Għajnsielem. Barra minn hekk ġew allokati anke flus biex jinfetħu xi toroq oħra. Waħda qegħda fuq it-triq ta' l-Imġarr, ħdejn l-iskola tal-Qala u l-oħra tibda minn ta' Ħamet li tibqa' sejra għar-Ramla l-Ħamra.

Ġew allokati flus ukoll għat-twessigħ ta' toroq eżistenti. Peress li l-volum tat-traffiku f'Għawdex qed jikber, inħasset il-ħtieġa li jiġu mwessgħin ċerti toroq li llum huma dojoq ħafna. Fost dawn hemm dik Ta' Pinu/Għamar Street, Victoria/Xagħra Road u Marsalforn Street, Xagħra. Fl-Estmi ta' din is-sena hemm provdut ukoll somma ta' flus għall-irranġar ta' toroq li jieħdu għall-irziezet jew 'farm roads'. Naturalment se tingħata priorità lil dawk it-toroq fejn l-aktar hemm bżonn.

## DRENAĠĠ

Dawn l-aħħar għaxar snin, is-sistema tad-drenaġġ ġiet estiża, tista' tgħid, kważi f'kull raħal u rokna ta' Għawdex. L-inħawi fejn din is-sena se jiġi estiż id-drenaġġ teħtieġ ir-rikostruzzjoni ta' mini u xaftijiet taħt l-art fit-tafal, kif ukoll sistema ta' pompi biex jiġi ppumpjat id-drenaġġ.

Minħabba l-fatt li dan l-aħħar sar żvilupp kbir ta' l-art, sew mis-settur privat kif ukoll mill-Gvern — aktar bdiet tinħass il-ħtieġa li jestendi ruħu dan is-servizz. Għaldaqstant, apparti mill-estensjoni tad-drenaġġ fix-Xagħra u fiż-Żebbuġ, se jiġi estiż ukoll is-sistema tad-drenaġġ f'dawk il-villaġġi fejn ġew mogħtija l-'plots' taħt il-'Home Ownership Scheme'

**Issa li f'Malta twettaq il-proġett kbir għal purifikazzjoni ta' l-ilma tad-drenaġġ, hi ħaġa naturali li l-Gvern jikkonsidra t-twaqqif ta' impjant simili f'Għawdex.**

# Videoskol – Programm Edukattiv Ġdid fuq TVM

## Fuq TVM, it-Taqsima Xandir Edukattiv tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni bdiet programm ġdid bl-isem ta' "Videoskol".

L-għan ta' dan il-programm ġdid huwa li jagħti tagħrif lill-istudenti dwar il-qasam edukattiv f'Malta, kif ukoll, tagħrif ieħor li l-istess studenti jsibuh utili għalihom fl-istudji tagħhom

L-ewwel programm minn din is-sensiela kien fuq "IN-NEFQA FL-EDUKAZZJONI". F'dan l-ewwel programm ngħatat ħarsa lejn l-għanijiet ewlenin ta' kif l-istat se jonfoq miljuni kbar ta' liri fis-settur edukattiv matul l-1983. Fil-fatt, għal din is-sena korrenti, il-Gvern ivvota mat-18-il miljun lira Maltija li se jintużaw biex jitmexxew l-iskejjel ta' kull livell, mill-iċken fil-Kindergarten sa studji għolja fl-Università. Dawn il-flus se jintużaw biex jitmexxew ukoll skejjel speċjali għall-inkapaċitati, bħal dawk neqsin mis-smigħ u biex jiġu pprovduti l-ħafna servizzi li jgħinu biex jagħtu edukazzjoni sħiħa, inklużi kotba, trasport, ħalib, u f'ċerti każi anki ikel.

Dan kollu ġie trattat fl-ewwel programm mis-sensiela "Videoskol", bil-għan li l-pubbliku konxju ta' l-edukazzjoni tal-poplu jkun jaf eżatt fejn u għalfejn jintefqu dawn il-flus f'servizzi essenzjali lill-kommunità, mhux biss tal-lum, iżda ukoll tal-ġejjieni.

**Il-Gvern ivvota mat-18-il miljun lira Maltin biex jitmexxew l-iskejjel ta' kull livell.**

# Edward de Bono se Jagħmel Korsijiet lill-Għalliema fl-Iskejjel Statali

Il-Professur Malti Edward **de Bono** magħruf mad-dinja kollha għat-tagħlim tal-ħsieb imsejjes fuq it-teorija tiegħu tal-'Lateral Thinking' mistenni jagħmel korsijiet dwar din is-sengħa lill-għalliema fl-**Iskejjel ta' l-Istat. Dan intqal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni,** Dr Philip Muscat, meta ta l-Premju Letterarju, lis-Sur Alfred Degabriele għall-ktieb tiegħu "Ma' Mewġet il-Ħsieb".

Il-ktieb tas-Sur Degabriele rebaħ il-konkors annwali dwar xogħlijiet letterarji, imniedi mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni bil-għan li l-letteratura Maltija żżid, titkattar u tistagħna.

Il-Ministru Muscat, fid-diskors tiegħu, rabat il-konnotati fit-titlu rebbieħ mat-tema tal-kors tal-Professur de Bono li bih l-istudenti Maltin se jkunu jistgħu jitħarrġu aktar fit-tħarriġ tal-ħsieb.

Il-Professur de Bono, li ftit jiem ilu kien Malta Itaqa' mal-President tar-Repubblika, Agatha Barbara, mal-Prim Ministru, Dom Mintoff u mal-Ministru Muscat innifsu. Aktar tard din is-sena se jagħti kors speċjali lil 25 għalliem li jgħallmu tfal bejn l-10 u l-11-il sena bil-għan li t-tfal jitħarrġu fil-mod tal-ħsieb tagħhom kif janalizzaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja.

Dan il-metodu għandu siwi kbir bħala thejjija għall-ħajja u jwessa' l-ħila ta' kif wieħed iħares lejn problema partikulari. Bid-dħul ta' dan il-metodu, qal il-Ministru, Malta tkun qed tissieħeb ma' artijiet oħrajn li ntebħu bil-ħtieġa tiegħu f'dinja li dejjem miexja lejn fruntieri ġodda fil-qasam intellettiv tal-bniedem.

Ix-xjenza tal-Prof. de Bono qiegħda tiġi mgħallma fil-Kanada, l-Ingilterra, l-Istati Uniti, il-Bulgarija u l-Venezuela. F'dal-pajjiż ta' l-aħħar 106,000 għalliema ġew imħarrġin fis-Sengħa tal-Ħsieb. F'San Francisco biss, qed jitħarrġu madwar 5,000 għalliem u hemm il-ħsieb li jitħarrġu 1,700,000 għalliem fl-Istati Uniti kollha.

Il-kors li Prof. de Bono għamel fuq il-BBC-TV għandu jerġa' jixxandar fuq TVM.

# Il-Qasam tas-Saħħa f'Malta

**Kien il-Gvern Soċjalista li introduċa l-Iskema Nazzjonali tas-Saħħa u kien l-istess Gvern li kompla żviluppa din l-iskema li permezz tagħha jgawdi kull ċittadin Malti f'pajjiżna. Kien ukoll dan il-Gvern li bena sptar għat-tfal u sptar għall-maternità, kumpless magħruf bħala Sptar Karin Grech, immodernizza l-Isptar San Luqa, u li waqqaf servizzi ġodda fl-isptarijiet li permezz tagħhom illum isiru ħafna operazzjonijiet diffiċli li qabel kienu jsiru biss barra minn Malta.**

**Ħaż-Żmien ċentru sabiħ għall-anzjani fuq l-għoljiet ta' l-Imtarfa, ġie miftuħ ukoll minn Gvern Soċjalista kif bidel ukoll dak li qabel kien l-Imgieret f'post modern u komdu għall-anzjani — Has-Serħ. Il-Gvern Soċjalista irranġa wkoll il-kura tal-mard mentali, billi immodernizza l-isptar Monte Carmeli u għamel tibdil fil-liġijiet dwar dan il-qasam biex ikunu konformi maż-żminijiet tal-lum.**

## Anzjani u Xjuħ Iżuru Ruma

F'Malta lura minn Ruma għadu kemm wasal grupp ta' 50 anzjani u xjuħ li ttellgħu għal ġimgħa matul iż-żmien tal-festi. L-okkażjoni kienet għeluq is-sena tax-xjuħ. Il-kumitat tal-Welfare tax-Xjuħ iddeċieda li jorganizza dan il-grupp u jtella' bix-xorti 25 raġel u 25 mara xjuħ mid-Djar ta' Ħaż-Żmien, Has-Serħ, Mount Carmel u Chambrai f'Għawdex. Akkumpanjat min-nurses il-grupp tela' bl-AirMalta sa Ruma fejn ġie mogħti kmamar fid-Dar Ġwanni Pawlu II, immexxija mis-Sorijiet. Il-grupp kellu l-opportunità jżur il-Vatikan u jattendi għall-Quddiesa tal-Papa nhar l-Ewwel tas-Sena kif ukoll l-Udjenza tal-Papa ta' wara meta l-Qdusija Tiegħu ħabbar 18-il kardinal ġdid. Huma raw ukoll presepji, iż-zoo u postijiet storiċi fil-belt ta' Ruma. L-organizzazzjoni ħadet ħsieb l-ikel u l-irqad kif ukoll ix-xiri ta' 'souvenirs' tal-grupp. Mistenni li wara s-suċċess ta' din iż-żjara grupp ieħor simili jerġa' jagħmel btala barra ma jdumx.

**L-Anzjani waqt iż-żjara f'Ruma.**



# Funderija f'Ħal Far

**It-tieni fażi ta' l-industrijalizzazzjoni ta' Malta sejra tkun ibbażata fuq l-industriji ta' l-inġinerija.**

L-industriji ta' l-inġinerija jkopru, per eżempju, il-produzzjoni ta' pompi, valvijiet u l-produzzjoni ta' makni, li dawn, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar se jkun hemm talba għalihom fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-pajjiżi Afrikani u fil-pajjiżi Għarab.

Issa, biex dawn il-makni, dawn il-pompi, eċċ. ikunu jistgħu jiġu manifatturati f'Malta bi prezzijiet kompetittivi kien jeħtieġ funderija biex tforni lil dawn l-industriji bil-forom u 'castings' ta' kull xorta, għamla u daqs.

Il-Funderija ta' Ħal Far se tkun tista' tagħmel fondut ta' kwalitajiet differenti fosthom fondut speċjali li jintuża ħafna fil-kostruzzjoni tal-makkinarju bħalma huma l-pompi. Kull pompa fiha, minn ta' l-inqas, għaxar partijiet li jistgħu jibdew isiru fil-Funderija. Minbarra dan jistgħu wkoll jibdew isiru 'machine tools' bħalma huma tornijiet. Jistgħu jibdew isiru wkoll partijiet ta' makkinarju għall-agrikoltura u makkinarju għall-inġinerija ċivili, bħal, per eżempju, partijiet għat-'tractors'. Jistgħu jsiru wkoll partijiet ta' muturi ta' l-elettriku u 'spare parts' ta' karozzi bħalma huma l-'brake-drums'.

Hawn ta' min ifakkar li meta nitkellmu fuq funderija rridu nifhmu li qed nalludu għal teknoloġija u makkinarju sofistikat. L-impjant tal-Funderija ta' Ħal Far, waħdu, iqum aktar minn Lm1,700,000 u minnu, imbagħad, biex tikkapitalizza l-kumpanija kollha, għandek bżonn Lm3,000,000. Għalhekk il-Gvern Malti irnexxielu li f'dan il-proġett idaħħal l-interess ta' l-Alġerija u tal-Libja.



Il-Funderija mill-ajru.

**Ta' importanza kbira huwa l-fatt li l-Funderija sejra toħloq suq għal li 'scrap' tal-ħadid li jkun hawn f'Malta. Dan li 'scrap' huwa l-materja prima li l-Funderija tinħtieġ.**

Il-Funderija se jkollha kapaċità li tagħmel 8,000 tunnellata ta' 'castings' fis-sena u ġiet iddisinjata flessibilità li permezz tagħha jistgħu jinħadmu kemm 'batches' kbar kif ukoll 'batches' żgħar peress li fil-Funderija hemm 'moulding machine' li tagħmel 60 forma fis-siegħa. Fil-fatt jistgħu jsiru 'castings' minn nofs kilogramma sa żewġ tunnellati.

Ta' importanza kbira huwa l-fatt li l-Funderija sejra toħloq suq għal li 'scrap' tal-ħadid li jkun hawn f'Malta. Dan li 'scrap' huwa l-materja prima li l-Funderija tinħtieġ. Dan li 'scrap' jiddewweb u jintuża fil-forom. S'issa, f'Malta dan li 'scrap' kien qed jiġi esportat. Iżda issa dan jista' jinbiegħ lill-Funderija, speċjalment dak li jirriżulta mill-industrija l-oħra li l-Gvern kien waqqaf flimkien mal-privat — **l-industrija tat-tkissir ta' vapuri qodma.**

L-installazzjoni kollha tal-makkinarju fil-Funderija ta' Ħal Far għandha tkun lesta sa l-aħħar ta' Marzu, meta jiġi ippruvat l-impjant, u immdjatament wara tkun tista' tibda l-produzzjoni. Ta' min isemmi li l-Funderija se tkun mgħammra b''pottery shop' u 'machine shop' u b'hekk il-'casting' se jkun jista' jsir mill-bidu sa l-aħħar.

Bħala bidu għall-produzzjoni, bis-saħħa ta' proġett bi sħab li l-Gvern għadu kif għamel mal-Bulgarija, huwa proġettat li jsiru 40,000 mutur fis-sena li l-partijiet minnhom sejrin jinħadmu fil-Funderija. Minbarra dan, kien hemm diġà talbiet minn diversi pajjiżi bħalma huma l-Brażil, l-Amerika u ċ-Ċekoslovakkja, fejn iridu li jew il-Funderija taħdmilhom partijiet jew inkella li jsiru proġetti li jużaw il-'castings' tal-Funderija.

# TIFTIX GĦAŻ-ŻEJT FL-IBĦRA MALTIN

## Ftehim Supplimentari bejn il-Gvern Malti u l-Kumpanija taż-Żejt I.E.O.C. Co. Inc.



**Nhar l-Erbgħa, 19 ta' Jannar, il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff** f'isem il-Gvern Malti iffirma Ftehim Supplimentari mad-ditta IEOC li hija kumpanija sussidjarja ta' l-AGIP Spa. Dan il-ftehim supplimentari jammenda l-ftehim dwar il-qsim tal-produzzjoni li ġie iffirmat ma' l-IEOC fit-13 ta' Marzu 1981. Għan-nom ta' l-IEOC deher il-Viċi President Eżekuttiv Dott. G. Muscarella li ġie Malta flimkien ma' delegazzjoni li kienet tikkonsisti wkoll minn Dott. G. Moscato, Viċi President Anzjan għall-Esplorazzjoni u l-Produzzjoni (AGIP), Dott. C. Trampani, Viċi President (Area Manager — AGIP), Dott. G. Bonetti li hu inkarigat min-negozjati għat-tiftix u l-produzzjoni. Minn naħa tal-Gvern Malti kien hemm ukoll is-Sur Henry Coppini, Segretarju fl-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministru ta' l-Iżvilupp Ekonomiku, is-Sur J. Sammut, Segretarju ta' l-Affarijiet Ekonomiċi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u s-Sur R. Scotto, Kap tat-Taqsima taż-Żejt ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Il-Ftehim Supplimentari jwitti t-triq għal aktar tħaffir fil-Blokka Nru. 3 fit-Tramuntana ta' Malta, fejn fl-1982 il-kumpanija IEOC ħaffret żewġ ħofor u nefqet ħafna flus f'dan ix-xogħol.

# IL-PROĠETT TAL-PORT TA' MARSAXLOKK

**L-IŻVILUPP ta' Marsaxlokk bħala port għat-trasbord ċertament huwa wieħed mill-proġetti l-aktar ambizzjużi li qatt saru f'Malta — kemm mill-lat tekniku kif ukoll mil-lat ta' investiment.**



Ix-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-proġett.

Ix-xogħol għat-twettiq ta' dan il-proġett ġgantesk tant huwa kbir li kellu jinqasam fi **tliet fażijiet.** U bħala riżultat ta' kif tqassam ix-xogħol, numru ta' faċilitajiet li jaqgħu taħt **l-ewwel fażi** se jkunu jibdew jaħdmu waqt li **t-tieni** u **t-tielet** fażi jkunu għadhom qegħdin jinbnew.

Sabiex dan il-proġett kbir ikun jista' jsir b'mod



ekonomiku u fl-iqsar żmien, twaqqfu żewġ kumpaniji bejn kuntratturi privati u l-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp — **ix-Xlokk Construction Company Limited** u **l-Kalafrana Construction Company Limited.**

● **L-ewwel fażi tax-xogħol,** li mistennija tkun lesta s-sena d-dieħla, hija magħrufa bħala Semi Container Terminal. F'din il-fażi insibu, fost oħrajn, il-bini ta' **area** ta' madwar 100,000 metri kwadri li se tintuża' għall-ħażna ta'oġġetti importati — fosthom il-faħam. Ta' min isemmi li din l-**area** kollha hija art riklamata mill-baħar. Sa Marzu li ġej huwa mistenni li f'din l-ewwel fażi jitlestew 972 metri tul ta' mollijiet.

● **It-tieni fażi** tal-proġett hi magħrufa bħala **Transhipment Bulk Cargo Terminal** u tiġbor fiha l-bini tal-Breakwater. Ix-xogħol f'din il-fażi tal-proġett qed isir bl-għajnuna ta' tekniċi Ċiniżi mill-kumpanija National Harbour Engineering.

Il-breakwater innifsu se jkun twil 1,030 metru. Parti minnu se tkun tissejjaħ **Breakwater Route** u l-parti l-oħra se tkun il-proprja **Breakwater Arm.**

Fil-bini ta' dan il-breakwater se jintużaw kwalita' ta' blokki tal-konkos ta' forma speċjali msejħa 'DOLOS'. Minn dawn se jintużaw tliet kwalitajiet millat ta' piż: dawk ta' 10 tunnellati l-waħda; ta' 15-il tunnellata l-waħda; u ta' 20 tunnellata l-waħda.

Dik il-parti tal-breakwater imsejħa bħala 'ARM' se tkun tikkonsisti fi blokki kbar magħmula minn konkos rinforzat. Il-blokki se jkunu ta' qisien ta' 26 metru, bi 23 metru, u bħala għoli jvarjaw minn 18-il metru sa 22 metru.

Dawk il-blokki vojta — magħrufa bħala **caissons** — jiġu maħdumin fit-Tarzna fil-Baċir il-Kbir Nru. 6, jew kif inhu magħruf aħjar il-Baċir Ħbiberija Malta u ċ-Ċina. Minn hemmhekk dawn il-**caissons** jiġu ifflowtjati f'wiċċ il-baħar u wara jiġu irmonkati minn Tugboats lejn Marsaxlokk — fejn jiġu mgħarrqa u eventwalment mimlija b'materjal tal-franka, zonqor u konkrit.

● **It-tielet fażi** tiġbor fiha l-iżvilupp tal-parti ta' 250,000 metri kwadri ta' area bejn il-Breakwater u s-Semi Container terminal ta' l-ewwel fażi.

Din il-parti ta' daqs hekk kbir se tintuża għall-ħatt u ħażna ta' merkanzija. Huwa stmat li din il-parti, f'sena waħda, tilqa ġo fiha bejn żewġ miljuni u nofs u tliet miljuni tunnellati ta' merkanzija.

Ta' min isemmi li l-iskop ewlieni tal-proġett ta' Marsaxlokk huwa t-trasbord fejn il-biċċa l-kbira tal-merkanzija importata u maħżuna f'Marsaxlokk eventwalment tiġi mqassma f'portijiet fil-Mediterran.

# Kontijiet ta' Dawl u Ilma

Ħafna nies għandhom l-impressjoni li preżentement qegħdin isiru żbalji fil-kontijiet ta' l-ilma u tad-dawl. Fil-fatt, il-persentaġġ ta' żbalji huwa biss ta' 0.5%, jiġifieri minn kull 1000 kont, ħamsa biss ikun fihom xi żbalji. Dawn ikunu dovuti jew għall-kaligrafija, jew ikkupjar ħażin jew anke kultant xi kalkolazzjoni jew informazzjoni mhux eżatta fuq il-kont.

Issa, però, permezz tal-computer, dawn l-affarijiet kollha se jiġu eliminati u n-nies li jiġu jagħmlu l-'queries' għandhom joħorġu sodisfatti. Il-kont issa se jkun ċar, se jkun eżatt u kollox jingħaraf.

Vantaġġi oħra li se jkun hemm fil-computerization huma li, l-kontijiet, minflok ma joħorġu kull erba' xhur, kif qegħdin joħorġu issa, sejrin ikunu jistgħu joħorġu wara tliet xhur. Fil-fatt, il-kontijiet se jkunu jistgħu jinħadmu xahar wara li jkunu inqraw.

Hawn min jgħid li spiss jiġri li ħafna nies imorru fid-Dipartiment konċernat jagħmlu queries (meta jirċievu xi kont għoli aktar mis-soltu) mingħajr ma jkunu qiesu għaliex il-kont ikun għoli. Dawn in-nies ma jkunux taw każ li fil-frattemp ikunu għolew ir-rati ta' l-ilma u huma jkunu komplew jaħlu l-ilma.

B'ħela ta' ilma infissru meta wieħed juża kwantità ta' ilma li jista' faċilment jgħaddi mingħajru. Per eżempju bħal meta wieħed ikollu xi ħaġa fis-sistema tal-kanen ta' l-ilma li ma tkunx qegħda tiffunzjona tajjeb. Hawn ta' min ifakkar li min ikollu xi vit iqattar jista' jitlob lid-Dipartiment u dan jibgħat jirranġahulu mingħajr ħlas.

# L-Imdina

L-ewwel isem li nsibu li kellha din il-belt hu l-isem Grieg — Melite — l-istess isem li kienet magħrufa bih gżiritna. Il-kelma Griega — **meli** — tfisser għasel u l-kelma — **Melitta** — tfisser naħla.

Fi żmien ir-Rumani, Ptolemy u Ċiċerun jirreferu għal din il-belt bħala **Melite.**

Meta ġew il-Għarab, tawha l-isem ta' **Medina** li tfisser 'belt'. Dawn, bl-iskop li jkunu jistgħu jiddefenduha aħjar, kienu ċekknu l-konfini ta' l-Imdina bi kważi wieħed minn kull ħamsa tad-daqs oriġinali tagħha.


L-Imdina – wirt storiku kbir.

Wara l-Għarab, fl-1090 in-Normanni kienu reġgħu sawru l-Muniċipalità ta' din il-belt u s-slaten Aragoniżi waqqfu l-Consiglio Popolare tal-gżira.

B'diploma iffirmata minn żewġ Viċirejiet Sqallin, l-Imdina ingħatalha t-titlu 'Città Notabile'.

Kien wara l-bini tal-Belt Valletta li l-importanza li kellha l-Imdina bħala belt ewlenija bdiet tispiċċa. Minn hawn 'il quddiem bdiet tissejjaħ 'Città Vecchia' — il-Belt il-Qadima.

Il-Granmastru Vilhena ried jirrestawra l-Imdina u jsebbaħha. Fit-3 ta' Novembru 1722 qabbad lill-perit tiegħu Mondion, li kien Franċiż, biex jagħmel id-disinji. L-Imdina ma kinitx kif narawha llum. Is-swar, il-fortifikazzjonijiet, it-triqat, id-djar — kollha kellhom bżonn ta' tiswija u tiswir ġdid. Ta' min ifakkar li fl-1693 kien għamel terremot kbir, u l-Imdina kienet theżhżet sew. Il-Katidral kien iġġarraf u bosta nies kienu telqu tant, li fi żmien Vilhena, l-Imdina kienet għoddha tbattlet.

It-tibdil li ried jagħmel Mondion kien maħsub li jerġa' jiġbed il-poplu lejha. Is-seklu tmintax kien is-seklu ta' arkitettura kbira, sabiħa, qawwija, imżejna, tpaxxi l-għajn bil-kobor tagħha. Dan kien żmien il-Barokk, stil grandjuż fl-arkitettura, li jitlob palazzi, swali, pjazez u swar enormi. Hekk kellha ssir l-Imdina. Minn belt dgħajfa u modesta nbidlet f'ġawhra kif tidher illum. Iżda Mondion kien sab oppożizzjoni qawwija min-nobbli ta' l-Imdina li ma ħadux gost bit-tibdil — allavolja dan kien ukoll għall-ġid tagħhom.


Il-Bieb Ewlieni ta' l-Imdina.

Għalkemm Mondion ma wettaqx għal kollox il-ħsibijiet kbar li kellu, b'li għamel biss bejn l-1722 u l-1733 (Is-sena li miet) għandna għax niskantaw. L-aktar ħaġa li twettqet u li biddlet il-bixra tal-belt il-qadima kien il-Bieb ewlieni. Il-Bieb il-qadim intgħalaq u nfetaħ ieħor iżjed lejn ix-xellug. Il-faċċata tal-Bieb il-ġdid flimkien mal-pont għadhom kif għamilhom Mondion.

Biex sar dan ix-xogħol fuq il-Bieb ewlieni u d-daħla tal-belt twaqqgħu d-dħul il-qadim, knisja żgħira ta' S. Maria della Porta, u bosta ħwienet u ħnejjiet li qabel kienu sewwa sew mad-dħul tal-belt. Mondion neħħa d-djuq u fetaħ pjazza tawwalija, bit-Torri ta' l-Istandard fuq naħa u l-Palazz ta' Vilhena n-naħa l-oħra. Ix-xogħol inħadem kollu minn ħaddiema Maltin, mill-ġebla Maltija, taħt il-kuntrattur Ġużeppi Cuschieri.

Il-Bieb kellu jaqdi bost għanijiet: bħala għassa, bħala dwana u wkoll bħala ark trijonfali f'ġieh il-Granmastru. Fuqu hemm l-arma ta' Vilhena waqt li min-naħa ta' ġewwa juru t-tliet qaddisin ħarriesa tal-gżira: San Publiju, San Pawl u Sant'Agata.

Il-Palazz kien fdat taħt il-bennej Petruzzo Debono. Hdejh ittellgħu l-Qrati Muniċipali, b'faċċata mill-isbaħ. Qabel, minn flok il-Qrati, kien hemm ħabs tas-seklu sittax u palazz ta' L'Isle Adam.

Lejn in-naħa tal-Katidral sar xi tibdil ukoll. Mondion, bil-permess tal-Granmastru, ħeġġeġ l-awtoritajiet Muniċipali ta' l-Imdina biex ineħħu l-bini antik li jmiss mal-Katidral. Minfloku huwa ħoloq pjazza oħra fil-ġenb li fiha nbnew is-Seminarju u l-Palazz ta' l-Isqof. Inbnew ukoll knisja bl-istess isem ta' S. Maria della Porta, illum magħrufa bħala ta' Santu Rokku; u l-Palazz Muniċipali. Tassew li Mondion kien biddel wiċċ l-Imdina u ħallielna wirt storiku kbir.



It-toroq ta' l-Imdina huma dojoq ħafna għat-traffiku li kien qed jgħaddi minnhom u li sikwit kien qed iħaxken mal-bini.

## L-IMDINA MGHALUQA GHAT-TRAFFIKU

**Il-Gvern iddeċieda illi b'effett mill-1 ta' Jannar, 1983 l-Imdina tingħalaq għat-traffiku matul il-ġurnata sabiex kemm il-Maltin kif ukoll il-barranin li jżuruha jkunu jistgħu jidħlu bil-libertà kollha. Għar-residenti li joqogħdu fl-Imdina saru arranġamenti sabiex f'ċerti ħinijiet matul il-lejl ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu bil-vetturi tagħhom.**

L-Imdina hija waħda mill-eqdem u l-isbaħ bliet fl-Ewropa u għalhekk il-Gvern kellu bilfors xi darba jew oħra jindaħal biex lil din il-belt iħarisha mill-ħsara li kienet qed tiġi ikkaġunata mit-traffiku.

L-ewwelnett it-toroq ta' l-Imdina huma dojoq ħafna għat-traffiku li kien qed igħaddi minnhom u kien qed jiżdied minn ġurnata għall-oħra.

Dan it-traffiku kien ta' sikwit iħaxken mal-bini u jagħmel ħsara fl-istruttura li ħafna drabi tkun irreparabbli. Minbarra hekk, huwa fatt magħruf li d-dħaħen tal-karozzi jikkaġunaw ħafna ħsara fil-bini.



Miżuri bħalma ħa l-Gvern Malti għat-tħaris ta' l-Imdina ilhom li ttieħdu f'diversi pajjiżi. Fi Siena, belt antika fl-Italja, it-traffiku ilu li ġie ipprojbit u kulħadd irid jidħol u joħroġ bil-mixi. Sabiex iħares l-Akropoli l-Gvern Grieg ukoll kien ħa miżuri simili. Minn rapport li sar mill-UNESCO kien sar magħruf li dan il-monument kien sarlu iżjed ħsara mid-dħaħen f'dawn l-aħħar 20 sena milli kienet saritlu fl-24 seklu li kien ilu mwaqqaf.

*" . . . . meta kulħadd ikun qed ibati, irridu nkunu qegħdin qaqoċċa, marbutin flimkien, u aktar ma jkun ġej għawġ iktar dik il-qaqoċċa trid tikber.*

*Jien konvint li l-poplu tagħna jifhem li dawn huma żminijiet fejn mhux immorru nxewxu l-barrani kontra tagħna, wieħed kontra l-ieħor; dawn huma żminijiet fejn kull wieħed minna, ta' Malti li hu, irid jingħaqad flimkien, jagħmel ħajt wieħed, nittolleraw lil xulxin, noqogħdu għal din il-Kostituzzjoni li għamilniha flimkien u nobdu l-liġijiet tagħna. Jekk aħna naħdmu flimkien, jiġu t-terremoti, jiġi l-għawġ, tiġi l-mewt, jiġi x'jiġi, nilqugħa iktar aħjar milli kieku, barra li jkollna l-għawġ li jkun ġej fuqna, noħolqu għawġ anki bejnietna u noqtlu lil xulxin:*

*U hekk jiġri jekk aħna naqgħu għat-tentazzjoni li nipprovaw inġibu kaos f'dan il-pajjiż.*

*Ir-responsabbiltà li mmexxu dan il-pajjiż hija tagħna llum, tathielna din il-Kostituzzjoni. Aħna se mmexxuh mingħajr biża' dan il-pajjiż. Aħna se ngħidu lil min qed jipprova jkisser: Iktar ma ż-żminijiet ikunu koroh iktar ikollna nagħmlu miżuri ħorox għal min jipprova jeqred dan in-nazzjon żgħir, dan in-nazzjon li għadu qed jibda jieħu n-nifs, dan in-nazzjon li ma jrid xejn ħlief ħbiberija ma' nazzjonijiet oħra ta' madwaru, dan in-nazzjon li qed jiġġieled għas-sliem, dan in-nazzjon li qed joħloq soċjetà ġdida mibnija fuq il-ħaqq . . . ."*

**Il-Prim Ministru s-Sur DOM MINTOFF fil-messaġġ tiegħu ta' l-aħħar tas-sena**

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja.

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern.